MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Numru 449/2004

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
ALFRED GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Alfred Grech ta' 51 sena, iben Paul u Giuseppa nee' Grech, imwieled Rabat fid-19 ta' April 1953, residenti 'Redeemer House' Triq l-Imdina l/o Attard u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 308453(M).

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Dicembru 2003 u fi zmien ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmula minnu anke jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda; bhala detentur tal-fond jew bhala persuna li f'idejh kellu l-istess fond bl-isem 'Redeemer House' sitwat fi Triq l-Imdina l/o Attard, b'mezzi qarrieqa kkommetta serq ta'

ilma minn meter ta' l-ilma li jinsab fl-imsemmi fond ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-persuna u bil-valur li jeccedi Lm 1000 u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 261, 263 (a), 264 (1) (2), 267, 268 u 270 rispettivament tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess zmien kisser jew sadt kanni jew katusi ta' akwedott pubbliku, jew b'xi mod iehor zamm jew kiser il-mixi ta' l-ilma inkella ghamel hsara xort'ohra f'xi parti ta' dan l-akwedott u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 326 (1a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija tordna lill-imputat, Alfred Grech, ihallas l-ispejjez relattivi ghal-perizja peritali rigwardanti l-imsemmi kaz ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.9) u ta' l-imputat (fol.11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni pproducew lil Mark Vassallo, *Enforcement Inspector* mal-*Water Services Corporation* li xehed li kien ircieva rapport il-kollega tieghu Frances Spiteri u ghamlu spezzjoni fil-fond indikat fl-avviz.

Meta accedew fil-fond indikat, fethet mart l-imputat u meta ezaminaw is-sistema, sabu illi l-arlogg ta' l-ilma kien jahdem regolari u illi kien hemm *stop cock* maghluq wara l-*meter* u ghalhekk talbu lil mart l-imputat tghidilhom minn fejn kien gej is-servizz ta' l-ilma u hi accettat li jkomplu jinvestigaw.

L-Ufficjali tal-*Water Services* sabu li s-servizz kien jidhol minn barra, jghaddi mad-*drive-in*, jaghti ghal gol-*garage* u go *shaft*. L-Ufficjali tallbu lil mart l-imputat tiftah ix-*shaft* izda din qalet li ma kellhiex cavetta. Illi l-imputat wieghed illi ser jaghti c-cavetta lil martu izda ma tfaccax.

Wara li ghadda zmien konsiderevoli, l-imputat informa lill-Ufficjali tal-*Water Services* li kien hemm cavetta fil-fond indikat fl-avviz. L-Ufficjali tal-*Water Services* issusspettaw fil-kanna tal-hadid li kien fiha *a 'T' joint* bi *plug,* fethuha u "beda gej l-ilma avolja l-*istop cock* kien maghluq." Wara dan, ghamlu verifiki sabiex jaraw l-ilma kienx gej mill-bir, tfew is-sistema tad-dawl sabiex jekk ikun hemm xi pompa, din ma tahdimx u **xorta wahda baqa gej l-ilma.**

Illi ghaldaqstant issejhet Inkjesta Magisterjali. Meta wasal l-Espert nominat mill-Qorti u kien fil-process illi jibda jiehu t-testimonjanza, l-imputat qabad jirrabja u jghid li ma kienx gej ilma, kien agressiv u kulhadd hareg jigri 'l barra.

In kontro ezami, Vassallo xehed illi l-ilma li baqa' gej zgur illi ma kienx qed jigi registrat fuq il-meter tal-Water Services (fol.17). Di piu', meta infetah l-*istop cock*, xorta wahda il-*meter* ma kienx qed jirregistra l-konsum ta' l-ilma.

Illi ghalhekk (fol.19) gie deciz li **l-*pipe* jigi segwit fil-parti fejn kien mirdum fil-hamrija**, pero' Vassallo ma setghax jghid minn fejn kien imqabbad dan il-*pipe* bl-ilma.

**Mistoqsi jekk haffrux fil-hamrija sabiex jiskopru fejn kien il-*junction* suspettata mas-*system* tal-Gvern, Vassallo xehed li dan ma ghamluhx ghax ma kellhomx biex jhaffru (!) fol.21**

PS 201 Sandro Magro ezebixxa okkorrenza Dok.PS (a fol.27) u ccertifika l-imputat.

Frances Spiteri a fol.28 et seq. ikkonferma x-xhieda ta' Mark Vassallo.

Spiteri kkonferma illi wara hafna ostakoli, kienu ghamlu spejjez tat-*'T' joint* li kienet f'*shaft* imsakkar u li l-ilma

baqa' gej **minkejja l-*istop cock* kien maghluq** u li meta segwew il-*pipe* sa fuq il-bejt sabu li dan kien qed jissupplixxi tank tas-750 *litres* li kien mimli.

Meta spjegaw lill-imputat is-suspetti taghhom dana stqarr li kien xtara l-post tlettax (13)-il sena qabel kien halla kollox kif kien.

**Meta wasal l-Espert nominat fl-inkjesta Dr. Stefano Filletti, l-impjegati tal-*Water Services* innuttaw illi l-hamrija minn fejn kien murdum il-*pipe* ta' l-ilma kienet mqalba, friska u mhux kif kien ftit sieghat qabel.** Meta regghu ttestjaw is-sistema', l-ilma mit- *'T' joint* ma baqghax gej.

Gew ezebiti ritratti Dok.FS1 sa Dok.FS14 li tkopri s-sistema tal-kanen ta' l-ilma tal-fond.

**Mistoqsi ghaliex ma nfurmax lil Pulizija illi l-Ufficjali tal-*Water Services* gew impediti milli jaghmlu xogholhom, Spiteri rrisponda:**

***"Stajna ghamilna hekk ma saritx imma."*** (ara xhieda a fol.39)

A fol.42, l-Espert nominat fl-inkjesta halef ir-rapport ezebit minnu.

Dr. Pace Spadaro, rapprezentant tal-*Water Services* ezebixxa u kkonferma Dok.GS u Dok.GS1, stima tal-konsum illegali b'total ta' Lm1121.25

Frances Spiteri, in kontro ezami, ikkonferma li huwa ma nvestigax il-*pipe* suspettat li kien mirdum sabiex jistabbilixxu l-konnessjoni illecita. Lanqas ma nspezzjona il-bir imdaqqas li l-imputat stqarr li kien that id-dar kollha. Lanqas ma seta jghid jekk parti mis-sistema tal-kanen ta' l-ilma kienu godda. In re-ezami, Spiteri kkonferma li fl-ewwel inspezzjoni il-hamrija deheret normali u ma kinitx mqalba.

**Spiteri stqarr li ma komplewx bl-investigazzjoni minhabba li meta rritornaw, raw il-hamrija mqalba u l-ilma kien waqaf. Spiteri kkonferma illi lanqas ma ttiehdu kampjuni ta’ l-ilma.**

Mark Vassallo, in kontro ezami, (a fol.58) ikkonferma li ma hadux kampjun ta’ l-ilma.

L-imputat Alfred Grech xehed li fis-sena 2006, l-Ufficjali tal-*Water Services* qalghu l-*meter* ta’ l-ilma mill-*garage* tieghu u biddlu l-kanen u dawn kienu kollha mizdudin u msaddin. Grech ikkonferma illi huwa juza ilma mill-bir tieghu. Ezebixxa sett ta’ ritratti li juru il-kanen imsaddin. L-imputat innega li seraq l-ilma u qal li kien rrabja ghall-Ufficjali tal-*Water Services* ghaliex qalu li kien seraq l-ilma. L-imputat jghid illi fi zmien qabel il-kawza, l-kontijiet ta’ l-ilma kienu jiguh madwar Lm8 – Lm10 u illum qed jiguh b’50c sa Lm1. L-imputat jghid li ma kienx jaf b’ *‘T’ joint* li kienet f’*shaft*. L-imputat innega li l-ilma baqa hiereg mit-*‘T’ joint* ghalkemm kien hemm *stop cock* maghluq (fol.72). L-imputat xehed li l-ilma mil-bir jigbdu b’lenza ma’ tul il-lejl.

A fol.75, l-imputat halef li ma messx il-hamrija fl-interval sa kemm gie l-Espert tal-Qorti. L-imputat (a fol.79) ezebixxa ritratt Dok.AG ta’ kanna mmermra li sab hdejn il-grada.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi mressqa mill-Ufficjali ta’ l-EneMalta, ma gietx ipprovata skond il-Ligi, konnessjoni llecita mill-*main* ta’ l-ilma tal-*Water Services* sal-konnessjoni tas-sistema privata ta’ l-imputat jew konnessjoni llecita b’xi mod iehor fis-sistema ta’ l-imputat. Dan il-ghaliex, minkejja s-suspetti serji li kellhom fuq is-sistema ta’ l-imputat, l-impjegati tal-Water Services ma gharfux ihallu lill-Ufficjal taghhom prezenti fuq il-post sa kemm jasal l-Espert tal-Qorti u anka meta dan wasal ma kienx hemm prezenza tal-Pulizija adegwata tant li meta beda jirrabja l-imputat kulhadd hareg jigri ‘l barra!

Meta mbaghad waslet il-Pulizija fuq il-post, ma harigtx aktar ilma mit-*'T' joint* suspettata.

Illi f'mankanza ta' prova ta' tbaghbis fis-sistema ta' l-ilma, l-onoru tal-prova ma tigix invertita skond il-Ligi.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandiex alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------